A.L. 35 ta' l-1994

ATT DWAR ĠIEĦ IR-REPUBBLIKA (KAP. 251)

Regoli ta' l-1994 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Midalja għall-Ħamsin Anniversarju tal-George Cross ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 15 u 26 ta' l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika u bis-setgħat l-oħra kollha li għandu, il-President ta' Malta, bil-parir tal-Prim Ministru, għamel ir-regoli li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-1994 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Midalja għall-Ħamsin Anniversarju tal-George Cross, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1992 dwar il-Midalja għall-Ħamsin Anniversarju tal-George Cross ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali".

A.L. 8 ta' l-1992.

Jemenda r-regola 4 tar-regoli prinċipali.

2. Il-paragrafu (1) tar-regola 4 tar-regoli prinċipali għandhom jiġu emendati kif ġej:—

(a) fi tmiem il-partita (iii) tas-subparagrafu (a) tiegħu, il-kelma "u" għandha titħassar;

(b) minnufih fi tmiem il-partita (viii) tas-subparagrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem *"Protection Officers."* għandhom jidħlu l-kliem *"Protection Officers*; u"; u

(ċ) minnufih fi tmiem il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) *The Scout Association* ta' Malta għal servizz mogħti matul il-perjodu ta' kwalifika.".